# Linji gwida

**dwar il-ġestjoni tal-kunflitt ta' interess tas-CCP**

05/04/2019 | ESMA70-151-1439 MT

# Werrej

1 Akronimi ........................................................................ 2
2 Sfond u mandat ........................................................................ 3
3 Kamp ta’ applikazzjoni ........................................................................ 4
4 Obbligi ta’ konformità u ta’ rappurtar ........................................................................ 5
4.1 Status tal-linji gwida ........................................................................ 5
4.2 Rekwiżiti ta’ rappurtar ........................................................................ 5
5 Linji gwida ........................................................................ 6
5.1 Kjarifika tal-kunċett ta’ kunflitti ta’ interess ........................................................................ 6
5.2 Arranġamenti organizzazzjonali ........................................................................ 7
5.2.1 Il-bażi tal-ħtieġa ta’ għarfien ........................................................................ 7
5.2.2 Regoli ta' kondotta ........................................................................ 7
5.2.3 Rigali ........................................................................ 8
5.2.4 Sjieda ta’ strumenti finanzjarji ........................................................................ 8
5.2.5 Taħriġ ........................................................................ 9
5.2.6 Sorveljanza ........................................................................ 9
5.3 Miżuri addizzjonali għal CCPs li jappartjenu lil grupp ........................................................................ 10
5.3.1 Fil-livell tal-grupp: ........................................................................ 10
5.3.2 Fil-livell tal-bord tas-CCP jew tal-bord superviżorju ........................................................................ 10
5.3.3 Fil-livell tal-maniġment superjuri tas-CCP jew tal-bord ta’ ġestjoni ........................................................................ 10
5.3.4 Fil-livell tal-persunal ........................................................................ 10
5.3.5 Fil-każ ta’ esternalizzazzjoni lil entità ta’ grupp oħra ........................................................................ 11
5.4 Proċedura ta’ ġestjoni tal-kunflitt ta’ interess ........................................................................ 11
5.4.1 Proċedura ta’ riżoluzzjoni ........................................................................ 11
5.4.2 Miżuri ta’ riżoluzzjoni ........................................................................ 12
5.4.3 Segwitu ........................................................................ 13
5.4.4 Reġistru dwar il-kunflitt ta’ interess ........................................................................ 13

# 1 Akronimi

1. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini definiti fir-Regolament (UE) Nru 648/2012 għandhom l-istess tifsira f'dawn il-linji gwida. Barra minn hekk, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet u l-akronomi li ġejjin:

| | |
|---|---|
| *CCP* | Kontroparti Ċentrali awtorizzata skont l-Artikolu 14 tal-EMIR |
| *RTS TAS-CCP* | Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 153/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar ir-rekwiżiti għall-kontropartijiet ċentrali |
| *KE* | Kummissjoni Ewropea |
| *EMIR* | Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew – Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivattivi OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet |
| *ESMA* | Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq |
| *ESMAR* | Ir-Regolament tal-ESMA (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea |
| *UE* | Unjoni Ewropea |
| *NCA* | Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti |
| *PFMIs* | Prinċipji CPSS-IOSCO għal infrastrutturi tas-swieq finanzjarji, April 2012, mill-Kumitat dwar is-Sistemi ta' Pagament u Saldu (CPSS) u mill-Kumitat Tekniku tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (IOSCO) |

# 2 Sfond u mandat

2. Skont l-EMIR, is-CCPs għandhom jaġixxu fl-aħjar interessi tal-membri tal-ikklerjar u l-klijenti tagħhom. F'dak is-sens, is-CCPs għandu jkollhom arranġamenti u politiki organizzattivi robusti biex jipprevjenu kunflitti ta' interess potenzjali u biex isolvuhom jekk il-miżuri preventivi ma jkunux biżżejjed. L-Artikolu 26, 28 u l-aktar importanti l-Artikolu 33 tal-EMIR u l-Artikoli 3, 5, 6 u 7 tal-RTS tas-CCPs jiddefinixxu regoli organizzattivi li għandhom l-għan li jiksbu dawn l-objettivi.

3. L-Artikolu 33 tal-EMIR jispeċifika r-rekwiżiti f'termini ta' ġestjoni tal-interess tal-kunflitti mis-CCPs. B'mod partikolari, is-CCPs huma meħtieġa li jkollhom arranġamenti organizzattivi u amministrattivi bil-miktub biex jidentifikaw u jiġġestixxu kwalunkwe kunflitt ta' interess potenzjali bejniethom u l-membri tal-ikklerjar tagħhom jew il-klijenti magħrufa lilhom.

4. Meta l-arranġamenti organizzattivi jew amministrattivi tas-CCP biex jiġġestixxu l-kunflitti ta' interess ma jkunux biżżejjed biex jiżguraw li r-riskji ta' ħsara għall-interessi ta' membru tal-ikklerjar jew klijent jiġu evitati, is-CCPs huma meħtieġa li jiżvelaw b'mod ċar in-natura ġenerali, jew is-sorsi tal-kunflitti ta' interess lill-membru tal-ikklerjar jew lill-klijent qabel ma jaċċettaw tranżazzjonijiet ġodda minn dak il-membru tal-ikklerjar.

5. Meta CCP tkun impriża prinċipali jew sussidjarja, kwalunkwe ċirkostanza li tista' tagħti lok għal kunflitt ta' interess bħala riżultat tal-istruttura u l-attivitajiet kummerċjali ta' entità ta' grupp oħra għandha titqies sakemm is-CCP tkun, jew għandha tkun konxja ta' din iċ-ċirkostanza. L-arranġamenti bil-miktub għandhom jinkludu ċ-ċirkostanzi li jikkostitwixxu jew li jistgħu jagħtu lok għal kunflitt ta' interess li jinvolvi riskju materjali ta' ħsara għall-interessi ta' membru tal-ikklerjar wieħed jew aktar jew għall-klijenti, u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti u l-miżuri li għandhom jiġu adottati għall-ġestjoni ta' tali kunflitt.

6. Skont l-Artikolu 16 ta' ESMAR, l-ESMA għandha s-setgħa li toħroġ linji gwida u rakkomandazzjonijiet biex tiżgura applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tal-liġi tal-Unjoni. L-ESMA tqis li hemm bżonn li jiġu speċifikati aktar ir-regoli u l-proċeduri msemmija hawn fuq dwar il-kunflitti ta' interess għas-CCPs.

7. L-għan ta' dawn il-linji gwida huwa li jiżguraw l-applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tal-Artikolu 33 tal-EMIR u l-Artikoli 3, 5, 6 u 7 tal-RTS tas-CCP. Sabiex telabora dawn il-linji gwida, l-ESMA rrieżaminat ukoll regolamenti maħruġa fir-rigward ta' infrastrutturi oħra tas-suq, b'mod partikolari s-CSDs, u r-regoli attwali ppubblikati mis-CCPs.

# 3 Kamp ta' applikazzjoni

**Min?**

8. Dawn il-linji gwida ser japplikaw għall-NCAs li jimmonitorjaw is-CCPs

**Xiex?**

9. Dawn il-linji gwida japplikaw fir-rigward tar-regoli u l-proċeduri li s-CCPs għandhom jistabbilixxu sabiex jindirizzaw kunflitti ta' interess skont l-Artikolu 33 tal-EMIR.

**Meta?**

10. Dawn il-linji gwida japplikaw [*mid-data li tiġi xahrejn wara l-pubblikazzjoni tagħhom fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE*].

# 4 Obbligi ta’ konformità u ta’ rappurtar

## 4.1 Status tal-linji gwida

11. Dan id-dokument fih linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tal-ESMAR. F’konformità mal-Artikolu 16(3) tal-ESMAR, l-awtoritajiet kompetenti u l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji, f’dan il-każ, is-CCPs, għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida.

12. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki ta’ superviżjoni tagħhom u jimmonitorjaw jekk is-CCPs jikkonformawx magħhom.

## 4.2 Rekwiżiti ta’ rappurtar

13. L-NCAs li lilhom huma indirizzati dawn il-linji gwida jeħtieġ li jinnotifikaw lill-ESMA jekk jikkonformawx jew jekk għandhomx il-ħsieb li jikkonformaw mal-linji gwida, b’raġunijiet għal nuqqas ta’ konformità, fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE lil eu-ccp@esma.europa.eu.

14. Għal dan il-għan, is-CCPs għandhom jirrapportaw lill-NCA tagħhom, b’mod ċar u dettaljat jekk jikkonformawx ma’ dawn il-linji gwida.

15. Fin-nuqqas ta’ rispons sa din l-iskadenza, l-NCAs ser jitqiesu bħala mhux konformi. Mudell għan-notifiki huwa disponibbli mis-sit web tal-ESMA.

# 5 Linji gwida

## 5.1 Kjarifika tal-kunċett ta’ kunflitti ta’ interess

16. Jeżisti kunflitt ta’ interess meta l-interessi proprji tal-parti ikkonċernati jinterferixxu mal-interessi ta’ CCP, interessi tal-membri tal-ikklerjar tas-CCP jew interessi tal-klijenti, meta l-klijent ikun magħruf lis-CCP, fl-oġġettività tagħha li tieħu deċiżjoni jew fil-proċess ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet li hija trid issegwi matul l-obbligi professjonali tagħha.

17. Is-CCPs għandhom jikkunsidraw kunflitti ta’ interess potenzjali tal-anqas fir-relazzjonijiet li ġejjin:

   i. bejn is-CCP u entità ta’ grupp oħra;
   ii. bejn is-CCP u kwalunkwe parti kkonċernata li tal-inqas tkun is-sid ta’ parteċipazzjoni li taqbeż il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 31 tal-EMIR;
   iii. bejn is-CCP u kumpanija li fiha membru tal-bord jew membru tal-kumitat iwettaq funzjonijiet oħra;
   iv. bejn is-CCP u l-klijent ta’ membru tal-ikklerjar, meta jkun magħruf;
   v. bejn is-CCP, fornitur tad-data, fornitur tal-likwidità, bank ta’ kustodja, bank tas-saldu, aġent tal-ħlas, aġent nostro jew kwalunkwe fornitur ta’ servizz ieħor għas-CCP;
   vi. bejn is-CCP u l-infrastruttura tas-suq finanzjarju konness bħal ċentru tan-negozjar, sistema ta’ pagament, sistema ta’ saldu tat-titoli, depożitorju ċentrali tat-titoli, repożitorju tat-tranżazzjonijiet;
   vii. bejn is-CCP u CCP interoperabbli;
   viii. bejn is-CCP u membru tal-ikklerjar;
   ix. bejn is-CCP u persuna rilevanti.

18. Persuna li għandha titqies bħala rilevanti tinkludi:

   i. il-persunal tas-CCP (membri tal-bord, diretturi, maniġers u impjegati), u persuni b’relazzjoni mill-qrib bħall-membri tal-familja tagħhom, jiġifieri, qraba mid-demm jew miż-żwieġ sa “t-tieni grad” u persuni dipendenti jew persuni li jikkondividu b’mod permanenti l-istess unità domestika u,
   ii. kwalunkwe persuna li ma tkunx parti mill-persunal jew relatata (kif deskritt hawn fuq) iżda li tkun involuta fin-negozju tas-CCP, bħall-membri tal-kumitat tar-riskju, il-membri tal-kumitat tar-rimunerazzjoni, il-membri tal-grupp tal-ġestjoni prestabbilit, kwalunkwe membru ieħor tal-kumitat, konsulenti, konsulenti esterni, aġent, persunal kuntrattwali jew sottokuntratturi.

19. Is-CCPs għandhom jiddefinixxu tul ta’ żmien li matulu jkun preżunt li l-kunflitti ta’ interess potenzjali jew reali jibqa' jkollhom effetti wara li jintemm il-kunflitt. Jistgħu jiġu stabbiliti skedi ta’ żmien differenti mis-CCPs skont it-tip previst ta’ sitwazzjoni ta’ kunflitt jew il-persuna rilevanti kkonċernata.

## 5.2 Arranġamenti organizzazzjonali

### 5.2.1 Il-bażi tal-ħtieġa ta' għarfien

20. Is-CCPs għandhom jimplimentaw b'mod ċar l-arranġamenti organizzattivi li għandhom l-għan li jipprekludu l-iskambju mhux dovut jew l-użu mhux xieraq ta' informazzjoni kunfidenzjali fi ħdan is-CCP, pereżempju:

i. Is-CCPs għandhom jiżguraw li informazzjoni kunfidenzjali li, jekk tkun magħrufa, tirriżulta f'kunflitti ta' interess tkun kondiviża fuq bażi ta' "ħtieġa għall-għarfien";
ii. Is-CCPs għandhom jistabbilixxu l-ħitan Ċiniżi meħtieġa biex jistabbilixxu l-organigramma tiegħu biex jiggarantixxu separazzjoni ċara tal-flussi tax-xogħol;
iii. L-aċċess għas-sistema tal-IT għandu jkun protett bl-użu ta' miżuri xierqa ta' sigurtà u kunfidenzjalità.

21. Il-persunal li huwa intitolat jirċievi l-informazzjoni kunfidenzjali għandu jiġi mfakkar li l-informazzjoni għandha tinżamm kunfidenzjali internament u esternament u m'għandhomx jużaw tali informazzjoni għall-vantaġġ tagħhom stess jew ta' parti terza. F'każ li informazzjoni kunfidenzjali tkun kondiviża ma' sottokuntratturi jew konsulenti, l-arranġamenti legali fis-seħħ bejn is-CCP u l-entità korrispondenti jew l-individwu għandhom jiżguraw li huma soġġetti għall-istess obbligu, li huma għandhom jiġu mfakkra dwaru.

22. Il-partijiet ikkonċernati kollha involuti fil-kumitat tar-riskju u fil-gruppi ta' ġestjoni prestabbiliti li għandhom aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali relatata għandhom ikunu soġġetti għal obbligi stretti ta' kunfidenzjalità u għandhom, jekk ikun meħtieġ, jiffirmaw ftehim ta' kunfidenzjalità speċifiku.

### 5.2.2 Regoli ta' kondotta

23. Is-CCPs għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa għall-persunal tagħhom u għal kwalunkwe persuna li, filwaqt li ma tkunx parti mill-persunal, hija involuta fin-negozju tas-CCP kif deskritt fil-paragrafu 18.

24. Biex:

i. taġixxi b'imparzjalità u b'bona fide, fl-interess tas-CCP, b'mod trasparenti u f'konformità mal-EMIR u kwalunkwe regolament applikabbli ieħor.
ii. fejn possibbli, tevita u tkun konxju (ikollha fehim) ta' oqsma potenzjali ta' kunflitti ta' interess; tiddikjara kwalunkwe sitwazzjoni li fiha għandhom jew jista' jkollhom interess dirett jew indirett li jkun f'kunflitt mal-interessi tas-CCP; u tikkonforma ma' kwalunkwe azzjoni ta' mitigazzjoni xierqa li tista' tkun meħtieġa mis-CCP fiċ-ċirkostanzi.

25. Is-CCPs għandhom jiżguraw li jkunu jistgħu jieħdu azzjonijiet dixxiplinari kontra l-persunal li jikser ir-rekwiżiti ta' hawn fuq u azzjonijiet ekwivalenti oħrajn kontra l-entitajiet l-oħrajn jew l-individwu li jiksirhom.

26. Is-CCPs għandhom:

i. jadottaw regoli relatati mal-limitazzjoni tan-numru ta' kuntratti jew mandati li jista' jkollhom il-membri tal-bord u d-diretturi eżekuttivi u li jkunu rilevanti fir-rigward ta' kunflitti ta' interess, f'konformità mal-liġi applikabbli;
ii. ma jaħtrux awdituri esterni li jkollhom relazzjoni finanzjarja diretta jew indiretta, tan-negozju, tal-impjieg jew relazzjoni oħra — inkluż il-forniment ta' servizzi addizzjonali mhux ta' awditjar — mas-CCP li minnha parti terza oġġettiva, raġonevoli u infurmata tikkonkludi li l-indipendenza tal-awditur tkun kompromessa;
iii. jeħtieġu li l-persunal jiżvela lill-uffiċjal kap tal-konformità kwalunkwe interess personali u interess ta' membri tal-familja mill-qrib kif deskritti fil-paragrafu 18(i) li jkunu f'kunflitt jew jistgħu jkunu f'kunflitt mal-interessi tas-CCP meta jidħlu fil-kariga, jew meta s-sitwazzjoni tinbidel u tal-inqas darba fis-sena. L-uffiċjal kap tal-konformità għandu jiġi nnotifikat ukoll meta l-kunflitt ta' interess ma jibqax jeżisti;
iv. jirrikjedu li kwalunkwe membru tal-persunal jew persuna deskritta fil-paragrafu 18 (ii) li jkun beħsiebha twettaq, simultanjament mal-attività tagħha fi ħdan is-CCP, kwalunkwe attività esterna li potenzjalment tkun f'kunflitt mar-responsabbiltajiet meħuda fis-CCP biex tikseb approvazzjoni minn qabel mingħand il-persuna responsabbli jew l-uffiċjal kap tal-konformità skont ir-regoli interni tas-CCP qabel ma taċċetta l-impenn il-ġdid għal entità oħra.

### 5.2.3 Rigali

27. Politika ta' CCP għandha tinkludi regoli ċari dwar l-aċċettazzjoni ta' rigali, tkun xi tkun il-forma tagħhom, pereżempju, rigali, inċitamenti, trattamenti preferenzjali, divertiment, ospitalità riċevuta minn kwalunkwe persuna rilevanti minn membri tal-ikklerjar, klijenti, ċentru tan-negozjar, depożitorji ċentrali tat-titoli, repożitorji tat-tranżazzjonijiet, fornituri tad-data, fornituri tal-likwidità jew kwalunkwe fornitur ta' servizz ieħor, sottokuntratturi jew kwalunkwe persuna jew entità oħra li jista' jkollhom interessi li jkunu f'kunflitt mas-CCP.

28. Is-CCPs għandhom jistabbilixxu limitu jew qafas raġonevoli biex jivvalutaw il-valur tar-rigali biex jiddeterminaw jekk il-benefiċjarju huwiex permess li jaċċetta jew li jżomm ir-rigal. F'każ ta' dubju dwar il-valur tar-rigal, l-uffiċjal kap tal-konformità għandu jiddeċiedi dwar il-valur attwali.

### 5.2.4 Sjieda ta' strumenti finanzjarji

29. Is-CCPs għandhom jadottaw politiki li jiddefinixxu r-regoli dwar is-sjieda ta' strumenti finanzjarji mill-persunal tagħhom bħal ishma, bonds jew kwalunkwe titolu ieħor li jagħtu d-dritt li jinkisbu dawn it-titoli li jistgħu joħolqu kunflitti ta' interess.

30. Is-CCPs għandhom jadottaw regoli stretti biex jillimitaw jew jimmonitorjaw l-investimenti mill-persunal tagħhom. Is-CCPs għandhom jitolbu approvazzjoni minn qabel u/jew restrizzjonijiet għal investiment u diżinvestiment fi strumenti finanzjarji li jistgħu jqajmu kunflitti ta' interess bħal dawk maħruġa minn kompetituri, membri tal-ikklerjar, klijenti, istituzzjonijiet finanzjarji u fornituri ta' servizzi u s-CCPs jistgħu jikkunsidraw perjodi ta' esklużjoni jew ta' restrizzjoni biex jinvolvu ruħhom fi tranżazzjonijiet li jinvolvu t-titoli ta'

entitajiet fil-grupp CCP, bħal matul ix-xahar tal-pubblikazzjoni tar-riżultati finanzjarji jew fuq bażi ad hoc.

31. Is-CCP tista' tadatta r-regoli tagħha skont it-tip ta' persuna involuta u ċ-ċirkostanzi sabiex tiżgura l-preċiżjoni u l-effikaċja tagħhom. Pereżempju, meta l-investimenti jkunu kompletament delegati lil kumpanija tal-investiment jew ikunu f'UCITS jew AIFM, dawn jistgħu jiġu esklużi mill-approvazzjoni minn qabel mis-CCP u kwalunkwe restrizzjoni, u mill-obbligu ta' żvelar meta s-CCP tqis li dan ikun xieraq.

32. L-investiment dirett imwettaq minn kwalunkwe membru tal-persunal għandu jiġi żvelat lill-uffiċjal kap tal-konformità jew lil kwalunkwe persuna jew korp rilevanti ieħor għal dan il-għan. L-iżvelar tal-portafoll għandu jsir mill-inqas għall-ingaġġar jew għan-nomina ta' kwalunkwe membru tal-persunal u għandu jiġi aġġornat kull sena. Kwalunkwe tranżazzjoni dwar l-istrumenti finanzjarji kkonċernati eżegwita għandha tiġi rrappurtata lill-kap uffiċjal għall-konformità.

### 5.2.5 Taħriġ

33. Is-CCPs għandhom jiżguraw li l-persunal tagħhom ikun imħarreġ b'mod adegwat dwar l-obbligi tagħhom u dwar il-proċedura applikabbli li tikkonċerna l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess.

34. It-taħriġ għandu jiċċara x'jikkostitwixxi kunflitt ta' interess, l-obbligi tal-persunal u s-sanzjonijiet korrispondenti, il-proċedura ta' dikjarazzjoni u l-proċedura ta' riżoluzzjoni tal-kunflitt u b'mod aktar ġenerali r-regoli applikabbli.

35. Is-CCPs għandhom iżommu lill-persunal tagħhom aġġornat fuq bażi regolari. Is-CCPs għandhom iżommu rekord tat-taħriġ imwettaq u li jkun sar mill-persunal.

36. Il-persunal għandu jikkonferma li huwa konxju tar-regoli applikabbli.

### 5.2.6 Sorveljanza

37. Fir-responsabbiltajiet tiegħu biex jissorvelja l-funzjoni ta' konformità, il-bord tas-CCP għandu jimmonitorja l-effiċjenza tal-arranġamenti tas-CCP għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess. L-uffiċjal kap tal-konformità għandu jirrapporta lill-bord il-każijiet materjali kif definit mis-CCP b'mod f'waqtu u l-attivitajiet tal-uffiċjal kap tal-konformità mwettqa matul is-sena.

38. Il-politika dwar il-kunflitt ta' interess għandha tkun mill-inqas rieżaminata mill-uffiċjal tal-konformità u mill-bord fejn ikun rilevanti, fuq bażi annwali, jew qabel jekk ikunu meħtieġa emendi sinifikanti.

39. Id-dipartiment tal-awditjar għandu jivvaluta l-effikaċja tal-politika dwar il-kunflitt ta' interess u tal-organizzazzjoni globali tas-CCP marbuta miegħu fuq bażi regolari.

## 5.3 Miżuri addizzjonali għal CCPs li jappartjenu lil grupp

### 5.3.1 Fil-livell tal-grupp:

40. Fil-kuntest ta' grupp, ir-rwol ta' kull entità tal-bord li hija konfliġġenti jew potenzjalment konfliġġenti (bħall-bord tal-kumpanija prinċipali, il-bord tas-CCP, il-bord tal-fornitur tas-servizz) għandu jkun definit b'mod ċar u ddelineat biex jiġu evitati kompetenzi sovrapposti. Kwistjonijiet riżervati ddedikati lil CCP b'mod partikolari dwar il-kwistjonijiet ta' ġestjoni tar-riskju għandhom jiġu preskritti.

41. Fejn ikun meħtieġ, fil-livell tal-grupp, għandha tiġi adottata proċedura għas-soluzzjoni b'mod ġust, indipendenti u effiċjenti tal-kunflitti ta' interess bejn CCP u entitajiet oħra tal-grupp.

### 5.3.2 Fil-livell tal-bord tas-CCP jew tal-bord superviżorju

42. Sabiex tiġi ggarantita l-indipendenza ta' CCP skont l-Artikolu 3 tal-RTS tas-CCP, fejn ikun meħtieġ, il-membri tal-bord supplimentari indipendenti meta mqabbla mar-rekwiżiti regolatorji għandhom jinħatru mis-CCP biex jikkontrobilanċjaw l-għadd ta' rappreżentanti tal-entitajiet tal-grupp.

43. Biex tiġi kkwalifikata bħala membru tal-bord indipendenti, ir-relazzjoni rilevanti tagħhom kif deskritta fil-paragrafu 18(i) m'għandux ikollha negozju li jqajjem kunflitt ta' interess rigward CCP jew il-partijiet ikkonċernati li jikkontrollawha, il-maniġment tagħha jew il-membri tal-ikklerjar tagħha.

### 5.3.3 Fil-livell tal-maniġment superjuri tas-CCP jew tal-bord ta' ġestjoni

44. Meta l-maniġment superjuri (inklużi d-diretturi eżekuttivi) ikun kondiviż ma' entità oħra fil-grupp, CCP għandha tfassal il-bord jew il-bord superviżorju tal-membri tagħha b'tali mod li tiżgura l-ġestjoni indipendenti tal-attivitajiet tas-CCP.

45. Id-deċiżjonijiet materjali għandhom jiġu approvati mill-bord. Biex isir dan, għandha tiġi ddefinita lista ta' kwistjonijiet u/jew kriterji biex tiġi identifikata l-materjalità tad-deċiżjoni li għandha tittieħed direttament mill-bord.

46. Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment superjuri għandhom ikunu definiti b'mod ċar, il-pagi inklużi l-bonusijiet tal-maniġers superjuri għandhom ikunu bbilanċjati b'mod korrett meta mqabbla mal-pagi offruti mill-kumpanija l-oħra sabiex tiġi evitata kwalunkwe deċiżjoni preġudikata. Għandu jitwettaq monitoraġġ mill-qrib tal-kunflitti ta' interess potenzjali mill-uffiċjal kap tal-konformità, mill-bord jew mill-membri indipendenti tal-bord.

### 5.3.4 Fil-livell tal-persunal

47. Fejn skont it-termini ta' arranġament ta' esternalizzazzjoni l-persunal ta' CCP iwettaq kompitu għal diversi entitajiet tal-grupp, ir-regoli li ġejjin għandhom jiġu adottati mis-CCPs:

i. ir-responsabbiltajiet, id-distribuzzjoni tal-ħin tax-xogħol u l-linji ġerarkiċi bejn l-entitajiet għandhom ikunu definiti b'mod ċar. Is-CCPs għandhom jivverifikaw li l-ħin tax-xogħol għat-twettiq tad-diversi funzjonijiet fi ħdan entitajiet differenti tal-grupp ma jkunx ogħla minn impjieg full-time;

ii. Is-CCPs għandhom jipparteċipaw fil-proċess kollu tar-reklutaġġ u għandu jkollhom setgħa effettiva tad-deċiżjoni dwar l-għażla tal-persunal, matul il-progressjoni tal-karriera tagħhom jew dwar it-terminazzjoni tar-relazzjonijiet. Is-CCPs għandu jkollhom organigrammi ċari li jidentifikaw ir-riżorsi kondiviżi.

48. Ir-remunerazzjoni għandha tiġi stabbilita mis-CCP skont l-Artikolu 8 tal-RTS tas-CCP. B'mod partikolari, il-paga, inkluż il-bonusijiet, tal-persunal ikkonċernat għandha tkun ibbilanċjata b'mod korrett meta mqabbla ma' dik attribwita mill-kumpanija l-oħra sabiex tiġi evitata kwalunkwe deċiżjoni parzjali jew it-twettiq tal-kompiti. Il-livell tal-bonusijiet jew kwalunkwe vantaġġ finanzjarju ieħor li jippremja l-prestazzjoni tal-persunal fit-twettiq tal-kompiti tagħhom għandu jiġi vvalutat u fl-aħħar jiġi deċiż mis-CCPs.

#### 5.3.5 Fil-każ ta' esternalizzazzjoni lil entità ta' grupp oħra

49. Meta l-fornitur tas-servizzi jkun parti mill-grupp tas-CCP, is-CCP għandha tieħu l-miżuri supplimentari li ġejjin bħala minimu:

i. l-esternalizzazzjoni ta' attivitajiet kbar lil entità fi grupp għandha tiġi deċiża mill-bord tas-CCP wara, jekk rilevanti, li tfittex parir mill-kumitat tar-riskju;

ii. il-bord għandu jiddefinixxi r-rekwiżiti tas-servizzi esternalizzati lil entitajiet oħra tal-grupp;

iii. is-CCP għandha tivverifika jekk is-sottokuntrattur għandux arranġamenti ta' kontroll xierqa fis-seħħ sabiex jiġu evitati kunflitti ta' interess min-naħa tagħhom b'mod partikolari fejn is-sottokuntratturi jipprovdu firxa ta' servizzi lis-CCP;

iv. l-arranġament ta' esternalizzazzjoni għandu jitwettaq taħt kundizzjonijiet normali tas-suq u għandu jinkludi dispożizzjonijiet fir-rigward ta' ġestjoni eskalanti u ta' ħruġ;

v. l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għandhom ikunu definiti b'mod ċar u għandu jiġi ffissat u infurzat mekkaniżmu ta' eskalazzjoni u infurzar bħal penali li jkunu konformi mal-prattiki standard tas-suq jekk ikun meħtieġ. Il-prestazzjoni tas-sottokuntrattur għandha tiġi rrappurtata lill-bord;

vi. meta l-IT ikun esternalizzat, għandhom jiġu definiti regoli ċari ta' prijoritizzazzjoni tal-proġetti tal-IT u talbiet għal bidla. Kwalunkwe talba jew proġett ta' bidla meħtieġa għas-CCP biex tikkonforma mar-regolament jew kwalunkwe talba mill-NCA għandhom jiġu implimentati mis-sottokuntrattur b'mod li jkun f'waqtu.

## 5.4 Proċedura ta' ġestjoni tal-kunflitt ta' interess

#### 5.4.1 Proċedura ta' riżoluzzjoni

50. Fejn kunflitt ta' interess identifikat jew possibbli jidher matul ir-relazzjoni tan-negozju, dan għandu jiġi żvelat immedjatament u direttament lill-uffiċjal kap tal-konformità u lil kwalunkwe persuna jew korp ieħor rilevanti mill-membru tal-persunal jew kwalunkwe membru ieħor tal-persunal f'kunflitt li huma konxji minnu kemm jista' jkun malajr.

51. Is-CCPs m'għandhomx jitolbu li l-evidenza tal-kunflitti ta' interess tiġi żvelata qabel ma jibdew jieħdu azzjoni. F'każ li ma jkunx ċert jekk sitwazzjoni tikkostitwixxix kunflitt ta' interess potenzjali jew attwali, l-uffiċjal kap tal-konformità għandu jkun responsabbli biex jiċċara dan.

52. M'għandux ikun it-tort ta' informatur fi kwalunkwe ċirkustanza jekk dan iqajjem kunflitt ta' interess attwali jew potenzjali, jekk possibbli skont il-liġi applikabbli.

53. Meta jkunu meħtieġa investigazzjonijiet, l-uffiċjal kap tal-konformità għandu jingħata s-setgħa li jwettaqhom. Il-persuna li tkun f'kunflitt għandha tinstema' matul il-proċess. Jekk l-uffiċjal kap tal-konformità ma jkunx responsabbli mis-soluzzjoni tal-kwistjoni, l-uffiċjal kap tal-konformità għandu jipprovdi lil min jieħu d-deċiżjoni b'rapport bl-analiżi tagħhom tal-kunflitti ta' interess attwali jew potenzjali u, jekk jitqies kif stabbilit, b'rakkomandazzjonijiet biex isolvih.

54. Is-CCPs għandhom jiddefinixxu b'mod ċar min hu responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-eżistenza ta' kunflitt ta' interess attwali jew potenzjali u dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu, jekk ikunu differenti. Id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu minn persuna jew korp li jkollu indipendenza u awtorità suffiċjenti biex jinforza d-deċiżjoni tiegħu. Diversi persuni jew korpi jistgħu jiġu definiti għal dak il-għan skont ir-responsabbiltajiet tagħhom bħall-uffiċjal kap tal-konformità, il-maniġer tal-linja, id-diretturi eżekuttivi, il-bord, il-membri tal-bord indipendenti jew il-president tal-bord jew kumitati. F'dan is-sens, il-president u/jew il-membri tal-bord indipendenti għandhom ikunu responsabbli fejn il-kunflitt ta' interess jikkonċerna maniġer superjuri jew kwalunkwe membru tal-bord ieħor.

55. Għandha tiġi implimentata proċedura ta' eskalazzjoni mis-CCPs f'każ ta' nuqqas ta' qbil dwar id-deċiżjoni meħuda. Il-proċedura għandha tiżgura li l-każ jiġi ttrattat fi żmien qasir. Fl-aħħar stadju, il-membri tal-bord indipendenti jistgħu jieħdu d-deċiżjoni finali.

### 5.4.2 Miżuri ta' riżoluzzjoni

56. Bħala minimu, is-CCPs għandhom jipprevedu l-firxa li ġejja ta' miżuri biex jirrimedjaw kunflitti ta' interess potenzjali jew eżistenti:

i. il-monitoraġġ tal-kunflitt mill-korp rilevanti jew membru tal-persunal bħall-bord jew il-maniġer tal-linja;
ii. l-iżvelar lill-parti affettwata bħal membru(i) tal-ikklerjar jew klijent(i) fil-ħin f'konformità mal-Artikolu 33(2) tal-EMIR;
iii. l-esklużjoni tal-membru tal-persunal f'kunflitt mill-informazzjoni sensittiva;
iv. restrizzjoni għall-parteċipazzjoni fid-diskussjonijiet, in-negozjati, id-deċiżjonijiet jew il-voti li jistgħu jkunu soġġetti għal kunflitt ta' interess;
v. eżenzjoni ta' dazji u assenjament lil membru ieħor tal-membru tal-persunal;
vi. l-esklużjoni temporanja jew definittiva tal-membru tal-persunal f'kunflitt tal-bord, tal-kumitat, tal-laqgħa rilevanti, eċċ.;
vii. l-iżvelar lill-NCA.

57. It-terminazzjoni tal-kuntratt tal-membru kkonċernat tal-persunal tista' tiġi prevista jekk ikun possibbli skont il-liġi applikabbli.

### 5.4.3 Segwitu

58. L-uffiċjal kap tal-konformità, jew il-persuna jew korp definit skont il-paragrafu 54, għandu jivverifika fuq bażi regolari l-istatus tal-kunflitt (jiġifieri l-kunflitt ta' interess potenzjali/eżistenti) u li l-miżuri ta' mitigazzjoni jiġu infurzati. Tali persuna għandha tirrieżamina jekk il-miżuri għadhomx meħtieġa jew jekk hemmx bżonn li jiġu adattati. Il-frekwenza tar-rieżami għandha tiġi adattata għall-ispeċifiċitajiet tal-każijiet.

59. L-uffiċjal kap ta' konformità, jew il-persuna jew korp definit skont il-paragrafu 54, għandu jirrapporta lill-bord il-kunflitti ta' interess li jkunu seħħew u kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni li tkun ġiet deċiża fuq bażi annwali.

60. F'każ ta' ksur tal-politika dwar il-kunflitt ta' interess, is-CCPs għandhom jirrappurtaw kwalunkwe ksur materjali lill-NCA wara li l-ksur ikun ġie eskalat u nnotifikat lill-maniġment superjuri / bord tas-CCPs u fi żmien 48 siegħa.

### 5.4.4 Reġistru dwar il-kunflitt ta' interess

61. Is-CCPs għandhom jimplimentaw proċessi u proċeduri biex jintraċċaw u jirreġistraw:

i. l-interessi li, potenzjalment jew b'mod konkret, jikkonfliġġu mal-interessi tas-CCP;
ii. l-investimenti fi strumenti finanzjarji li huma proprjetà tal-persunal u kwalunkwe tranżazzjoni relatata miegħu;
iii. ir-rigali ogħla mil-livell minimu li rċieva l-persunal u d-deċiżjoni relatata miegħu;
iv. id-diversi stadji tal-proċedura ta' riżoluzzjoni;
v. il-miżuri ta' riżoluzzjoni meħuda mis-CCPs;
vi. ir-rieżamijiet tal-istatus tal-kunflitti ta' interess u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-miżuri ta' riżoluzzjoni;
vii. it-taħriġ imwettaq mill-persunal.

62. Ir-reġistru għandu jibqa' strettament kunfidenzjali.